# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Marzu, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 1182/2019 TA**

**Grazio magħruf bħala Mario Debono (ID 430762M) u martu Josanne Debono (ID 297964M) u Kyle Debono (ID 268391M)**

**vs**

**Emvin Cassar u martu Ersilia magħrufa bħala Elsie Cassar**

**Rudolph Cassar u martu Karen Cassar Ruggier**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Grazio magħruf bħala Mario Debono u oħrajn (l-Atturi) tal-11 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. ''Illi fl-4 ta' Diċembru 2019 dina l-Onorabbli Qorti tat digriet kameralment li biħ laqgħet it-talba tal-konvenuti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1533/2019 AF sabiex l-esponenti ma jitħallewx ibiegħu jew b'xi mod jiddisponu l-proprjetà tagħhom bl-isem Zuni, mibnija fuq plot numru 8 fi Triq il-Qortin, Mellieħa u dan wara li sostnew li jixtiequ jikkawtelaw id-dritt li jirrikavaw, mingħand l-esponenti, l-ammonti ta' flus ta' taxxa li d-Dipartiment tat-Taxxi jista' jitlob mingħandhom bħala ex-diretturi tal-kumpannija Windmill Aluminium Co Ltd;

**2.** Illi bil-preżenti rikors ġuramentat l-esponenti jixtiequ li jimpunjaw id-digriet imsemmi tal-4 ta' Diċembru 2019 u għal dan il-għan l-esponenti ser jitolbu li jiġu allegati l-atti tal-imsemmi mandat ta' inibizzjoni;

**3.** Illi fir-rikors tat-8 ta' Novembru 2019 li bih intalab il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, il-konvenuti stqarrew, *inter alia*, li huma kienu azzjonisti u diretturi fis-soċjetà Windmill Aluminiun Company Limited u li fl-14 ta' Frar 2012 sar ftehim biex il-konvenuti

*"jittrasferixxu l-ishma tagħhom favur (...) Grazio Debono sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012, soggett illi l-garanziji personali kollha li kienu taw (...) fuq il-faċilitajiet u obbligi tal-Windmill Aluminium jiġu rilaxxati. Illi skont il-ftehim ta' bejn il-partijiet l-ishma kienu qegħdin jiġu ttrasferiti tale quale, ħlief għall-garanziji personali li ingħataw, liema garanziji ingħalqu ħames (5) snin wara d-data tal-ftehim.*

*(...)*

*Illi llum jeżisti bilanċ sostanzjali ta' taxxa dovuta mis-soċjetà Windmill Aluminium għall-perijodu meta r-rikorrenti [il-konvenuti Cassar] kienu diretturi u azzjonisti fl-istess kumpannija (...) Illi dan il-bilanċ ġja huwa soġġett għal proċeduri fil-Qorti Kriminali kontra r-rikorrenti [il-konvenuti Cassar] minħabba l-inadempjenza ta' Windmill Aluminium u l-intimati [l-esponenti Debono]*

*Illi minkejja r-responsabbiltà sħiħa assunta mill-intimati [l-esponenti Debono] għall-ħlas tal-ammonti dovuti, u d-diversi assigurazzjonijiet min-naħa ta' Grazio Debono illi kien qiegħed jagħmel ħlasijiet mensili bi ftehim mad-dipartiment (Dok G), jirriżulta mir-rapport ta' Donald Schembri (gja Dok E) illi dan ma kienx il-każ, u llum hemm bilanċ sostanzjali ta' EUR 582,227 dovut għas-snin li fihom kienu diretturi ta' Windmill Aluminium Emvin Cassar u Rudolph Cassar, illi skond il-liġi u minkejja l-ftehim dirett bejn il-partijiet, huma responsabbli għalih l-istess rikorrenti [il-konvenuti Cassar] personalment ai termini tal-liġijiet tat-taxxa;*

*Illi r-rikorrenti issa saru jafu illi (...)Grazio u Josanne Debono bi hsiebhom ibiegħu l-unika proprjetà li għandhom, u ċioe l-proprjeta mertu tar-rikors, f'liema każ huma ma jkollhomx aktar assi, bir-riżultat illi f'każ illi jkun hemm azzjoni eżekuttiva min-naħa tad-dipartiment fuq id-diretturi ta' Windmill Aluminium, din tiġi enforzata biss fuq ir-rikorrenti [il-konvenuti Cassar] li għandhom assi, liema rikorrenti ma jkollhom ebda opportunità jirrikavaw l-ammonti mingħand l-intimati peress illi, minkejja li jkollhom dritt, dan id-dritt ma jkunx eżiġibbli minħabba l-fatt illi ma jkunx għad hemm assi fuq liema ssir eżekuzzjoni. Illi jidher ċar illi dan l-intimati qegħdin jagħmluha bil-ħsieb li jiddefrawdaw lir-rikorrenti;*

**4.** Illi l-konvenuti allegaw ukoll raġġir minħabba li (i) iben l-esponenti fetaħ kumpannija oħra Windmill Services Limited u (ii) li l-kumpannija Windmill Aluminium Company Limited ma ppreżentatx annual returns f'dawn l-aħħar snin u kif ukoll allegaw li minkejja li Grazio Debono kien qiegħed jassigura li qegħdin isiru l-ħlasijiet tat-taxxa, huwa sostnew li dan ma kienx il-każ;

**5.** Illi permezz tar-risposta tagħhom tat-22 ta' Novembru 2019, l-esponenti ressqu diversi punti legali u fattwali għall-konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li fil-qosor jistgħu jinġabru kif ġej:

**(i)** **in-nullita tal-att imressaq mill-konvenuti** – peress li l-konvenuti naqsu milli jindikaw is-somma tal-pretensjoni tagħhom kontra l-esponenti minkejja li jgħidu li, bl-inibizzjoni, xtaqu jikkawtelaw id-dritt li jirrikavaw, mingħand l-esponenti, l-ammonti ta' flus li d-Dipartiment tat-Taxxi jista' jitlob mingħandhom minħabba d-dejn ta' Windmill Aluminium Co Ltd. Fil-fatt il-liġi tgħid espressament, fl-Artikolu 831(1)(b) u kif ukoll fl-Artikolu 832 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li "fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus" l-eżekutant irid iniżżel l-ammont li għalih tammonta t-talba u dan <u>taħt piena ta' nullità</u>. Similment l-Artikolu 832 jeżiġi, taħt piena ta' nullità, li tiġi indikata s-somma tal-kreditu jew tal-pretensjoni tal-eżekutant;

**(ii)** **in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika ma' Kyle Debono** – peress li Kyle Debono ma kien qatt involut fin-negozju msemmi mill-konvenuti fir-rikors tagħhom u lanqas qatt kien proprjetarju tal-immobbli involut;

**(iii)** **l-immobbli mertu tal-inibizzjoni kien inbiegħ diġà u għaldaqstant l-inibizzjoni ma setax ireġġi** – l-esponenti, fl-assenza ta' notifika kwalsiasi dwar il-mandat ta' inibizzjoni, biegħu l-proprjetà tagħhom fit-12 ta' Novembru 2019 lil terz xerrej li ssellef il-flus mill-bank biex xtara u li wkoll, la l-imsemmi xerrej, la n-Nutar tiegħu u lanqas il-bank u l-avukati tiegħu ma kienu b'xi mod innotifikat bil-mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni;

**(iv)** **huma nieqsa r-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, filwaqt li l-pretensjoni tal-konvenuti hija waħda ipotetika biss, lanqas biss għadha twieldet, hija pekunjarja u ma hijiex irrimedjabbli** – fil-fatt, għalkemm il-konvenuti esebew il-ftehim datat 14 ta' Frar 2012, huma naqsu milli jindikaw liema klawżola tagħtihom id-dritt li riedu jikkawtelaw bl-inibizzjoni, speċjalment meta l-konvenuti ma żbursaw ebda ammonti personali minħabba d-dejn ta' taxxa ta' Windmill Aluminium Company Limited. Inoltre, il-konvenuti fid-disa' paragrafu tagħhom jgħidu testwalment li huma jridu jikkawtelaw id-dritt li jirrikavaw l-ammonti mingħand l-esponenti, *"f'każ li jkun hemm azzjoni eżekuttiva"* kontrihom mid-dipartiment tat-taxxa, li fil-fatt għad ma hemmx tali azzjoni eżekuttiva.

**(v)** **Allegazzjonijiet inveritieri ta' raġġiri u frodi** – l-esponenti rrispondew debitament għall-allegazzjonijiet ta' raġġiri u frodi u wrew (a) li mhux minnu li l-esponenti kienu qed jaħbulhom dwar x'kien qed jiġri mad-dipartiment tat-taxxa, (b) li l-esponenti kienu akkwistaw l-ishma fil-kumpannija Windmill Aluminium Company Limited f'kuntest fejn il-konvenuti akkwistaw l-ishma kollha fil-kumpannija assoċjata Top Quality Aluminium Ltd taħt ftehim kważi identiku u allura ma kien hemm ebda ingann fix-xiri tal-ishma, tant li dak li japplika għall-kumpannija waħda japplika għall-kumpannija l-oħra; (ċ) li mhux minnu li kienu qed jirraġġiraw meta ma ppreżentawx annual returns, u dan fid-dawl tal-fatt li lanqas il-kumpannija Top Quality Aluminium Limited, li akkwistaw il-konvenuti stess, ma kienet qed tippreżenta annual returns; (d) li l-kumpannija Windmill Services Limited tappartjeni lil iben l-esponenti u lil terz u li din infetħet 3 snin wara l-ftehim tal-atturi mal-konvenuti u ma kellha x'taqsam xejn magħhom; (e) li mhux minnu li l-esponent ma kienx qed jagħmel ħlasijiet tat-taxxa; u (f) lanqas ma hu minnu li l-esponenti kienu

qegħdin jiddissipaw mill-assi tagħhom, tant li huma esebew ukoll il-kuntratt ta' akkwist tal-proprjetà li huma għaddew biex xtraw fil-15 ta' Novembru 2019 bil-flus li huma daħħlu mill-ewwel bejgħ;

6. Illi bid-digriet tal-4 ta' Diċembru 2019, dina l-Onorabbli Qorti, filwaqt li ċaħdet it-talba fil-konfront ta' Kyle Debono, laqgħet it-talba kif dedotta kontra Grazio Debono u Josanne Debono u rriżervat l-ispejjeż għall-ġudizzju finali (kopja informali tad-digriet anness u mmarkat **Dok A**); kopja tad-digriet ġie mibgħut mir-Reġistratur tal-Qrati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li rreġistra in-nota ta' iskrizzjoni mħejjija mill-eżekutanti skont l-Artikolu 874(2) tal-Kap 12 u li fiha ġie inkluż ukoll l-esponent Kyle Debono bħala eżekutat minkejja li t-talba fil-konfront tiegħu ġiet miċħuda;

7. Fl-ewwel lok, jingħad umilment li għalkemm dina l-Onorabbli Qorti ddikjarat li rat l-Artikolu 873, effettivament, waqt it-trattazzjoni tal-inibizzjoni, il-konvenuti ddikjaraw li l-mandat tagħhom ibbażawh fuq l-Artikolu 874 tal-Kap 12 u effettivament l-esponenti ddibattew dan ukoll quddiem din l-Onorabbli Qorti, iżda l-imsemmija Qorti evitat dan l-argument u filwaqt li fid-digriet tagħha ma daħlitx assolutament f'dan il-punt, hija għaddiet biex iċċitat minflok l-Artikolu 873;

8. Fit-tieni lok, dina l-Onorabbli Qorti ma kinitx korretta meta fil-kunsiderazzjoni numru 2 iddikjarat li "Grazio Debono assuma l-obbligi ta' Windmill Aluminium meta ġew trasferiti lilu l-ishma kollha tas-soċjetà". Effettivament, dan ma huwiex assolutament minnu u fil-fatt dan ma jirriżulta minn imkien u lanqas minn ebda dokument jew prova oħra mressqa mill-konvenuti;

9. Fit-tielet lok, lanqas ma kienet korretta dina l-Onorabbli Qorti tgħid li l-proprjetà mertu tal-mandat tappartjeni lill-intimati Grazio Debono u Josanne Debono, inkwantu hija kellha quddiemha kopja tal-kuntratt li esebew l-esponenti stess li juri l-att tal-bejgħ kien diġà seħħ fit-12 ta' Novembru 2019 u allura huma ma baqgħux proprjetarji; fil-fatt l-esponenti ressqu d-difiża tagħhom f'dan is-sens ukoll iżda li l-Qorti ma kkunsidrathiex;

10. Fir-raba' lok, għalkemm fil-kunsiderazzjoni numru 5 dina l-Onorabbli Qorti ddikjarat li s-soċjetà għandha debiti konsiderevoli ta' taxxa xi tħallas li għalihom il-konvenuti huma legalment responsabbli bħala ex-diretturi tagħha, naqset milli tapprezza li l-inibizzjoni inkwistjoni ma kienx bejn il-konvenuti u d-dipartiment tat-taxxa, imma bejn il-konvenuti u l-atturi u allura hija kellha tittratta l-eċċezzjoni tan-nullità mressqa mill-esponenti dwar il-fatt li l-konvenuti (fil-mandat, rikorrenti) naqsu milli jniżżlu s-somma li huma jippretendu li għandhom dritt jirrikavaw mingħand l-esponenti u kif ukoll naqsu milli jindikaw x'jedd *prima facie* huma suppost li għandhom f'dan ir-rigward; Dawn in-nuqqasijiet ħolqu ukoll preġudizzju kbir, kemm legali u kif ukoll fattwali, kontra l-atturi li minkejja li, f'ċirkustanzi normali, l-eżekutati f'mandat kawtelatorju jingħataw rimedju ta' revoka ta' mandat (abbażi tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12) abbażi, *inter alia*, tal-fatt li l-eżekutat joffri garanzija suffiċjenti oħra jew minħabba li l-ammont mitlub ma jkunx ġustifikat jew li jkun eċċessiv, fil-każ odjern, l-atturi ġew imċaħħda

minn dawn ir-rimedji proprju għax inħareġ att null, fejn l-ammont kontra l-eżekutati lanqas biss ġie indikat mill-eżekutanti; Permezz tal-att null tal-konvenuti, dawn għaddew biex qabdu proprjetà li mhux biss kienet diġà nbiegħet imma li nbiegħet ukoll għal tmien mitt elf ewro (EUR 800,000) minħabba pretensjoni li lanqas biss qatt ġiet ikkwantifikata mill-esponenti u li lanqas biss għadha twieldet; Huwa għalhekk ukoll li l-atturi kienu kostretti jistitwixxu dawn il-proċeduri;

**11.** Fil-ħames lok, la l-konvenuti eżekutanti u lanqas dina l-Onorabbli Qorti ma ndikaw fuq liema bażi l-konvenuti jsostnu li għandhom jedd, illum, li jirrikavaw ammonti ta' taxxa li l-konvenuti għadhom ma żbursawx. Fil-fatt, l-Ewwel Qorti naqset milli tittratta d-difiża tal-ipoteticità tat-talba tal-eżekutanti u minflok, iddikjarat li "*il-Qorti tqis li jidher li r-rikorrenti ghandhom kull jedd jikkawtelaw il-kreditu taghhom bil-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni*" mingħajr ġustifikazzjoni kwalsiasi u mingħajr lanqas biss ma rat ebda kwantifikazzjoni dwar l-allegat kreditu li hija ssemmi. Dan minkejja wkoll li l-esponenti wrew li huma għandhom ftehim mad-dipartiment tat-taxxa li jippermetti l-ħlas tal-ammonti tat-taxxa sa sitt snin oħra (sas-sena 2025), ammonti li wara kollox ħallew bħala dejn il-konvenuti stess fi żmienhom bħala diretturi.

**12.** Fis-sitt lok, jirriżulta li minkejja li d-digriet tal-4 ta' Diċembru 2019 hawn ikkontestat ċaħad it-talba tal-konvenuti fil-konfront tal-esponent Kyle Debono, dan Kyle Debono ġie xorta waħda inkluż inkluż fin-nota ta' iskrizzjoni li abbozz tagħha kienet ġiet ippreparata mill-konvenuti u li hekk l-esponent Kyle Debono spiċċa eżekutat ukoll minkejja li t-talba fil-konfront tiegħu ġiet miċħuda;

**13.** Umilment l-esponenti jsostnu li l-Qorti naqset effettivament milli tittratta u timmotiva, anki jekk fil-qosor, kull argument imressaq bħala difiża mill-esponenti b'risposta għar-rikors tal-mandat, liema argumenti l-esponenti jżommu fermi magħhom u qegħdin jerġgħu jinvokawhom għall-finijiet ta' din il-kawża li huma ġew kostretti jippreżentaw;

**14.** Finalment, l-esponenti jsostnu li għalkemm fid-digriet tagħha l-Onorabbli Qorti ddikjarat espliċitament li riedet tevita *"il-pregudizzju ukoll tat-terzi xerrejja u r-responsabbilitajiet lejhom da parti tal-istess intimati, ukoll sabiex jigu evitati moltiplicità ta' kawzi",* fir-realtà, bil-fatt li nħareġ tali inibizzjoni fl-isfond tal-punti legali u fattwali kollha mfissra mill-esponenti fir-risposta tagħhom quddiemha tat-22 ta' Novembru 2019, l-għan mixtieq mill-Qorti żgur li ma jistax jintlaħaq tant li mhux talli ser jevita l-moltipliċità tal-kawża, imma ser iżidhom inutilment;

Għaldaqstant, prevja li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex jogħġobha:

**(1)** tħassar tirrevoka u tannulla d-digriet tagħha tal-4 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu nħareġ l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni, inkluż id-digriet provviżorju preċedenti tat-8 ta' Novembru 2019 u n-nota ta' iskrizzjoni imsemmija relattiva;
**(2)** tilqa' l-eċċezzjonijiet kontenuti fir-risposta tal-esponenti tat-22 ta' Novembru 2019 imressqa minnhom fil-kuntest tal-imsemmi mandat 1533/2019 AF u tiċħad

it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni li kienu ressqu l-konvenuti fit-8 ta' Novembru 2019 u tordna wkoll li kopja tas-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex tiġi debitament insinwata.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti in subizzjoni u b'riżerva għal kwalunkwe azzjoni għad-danni spettanti lill-esponenti''.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Emvin Cassar et (l-konvenuti) tal-15 ta' Jannar 2020 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. "Illi fl-ewwel lok u in via preliminari, l-azzjoni kif proposta mhix proponibbli taħt l-Artikoli 154 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhux minnu illi din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta evitat argumenti u ma għamlitx il-kunsiderazzjonijiet tagħha skond il-liġi;
3. Illi in oltre, dwar l-obbligi ta' Windmill Aluminium Company Limited assunti minn Grazio Debono, l-obbligi li huma relatati ma ħlas ta' taxxa, national insurance u taxxa fuq il-valur miżjud fil-fatt ġew assunti minn Grazio Debono, u dak kif jirriżulta mid-dokumenti eżibiti mar-rikors promotur fl-atti tal- mandat t'inibizzjoni numru 1533/2019 kif ukoll ex admissis mill-istess Grazio Debono;
4. Illi dwar il-kuntratt ta' bejgħ tat-12 ta' Novembru 2019, peress illi sar fil-mori ta' mandat ta' inibizzjoni fis-seħħ mhux validu u għaldaqstant huwa null, u in oltre' ma jagħmilx stat fil-konfront ta' l-esponenti;
5. Illi dwar ir-raba' punt u allegat nullita' ta' l-att promotur tal-mandat in kwistjoni, id- dritt prima facie jirriżulta mill-Artkolu 1079 tal-Kap. 16, fejn l-intimati tilfu kull benefiċċju ta' terminu mogħti lilhom biex tħallsu l-ammonti dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi, u għaldaqstant jeżistu l-elementi dettati mill-Artikolu 1078 tal-Kap 12 biex jitħallas d-dejn kollu ta' Windmill Aluminium Company Limited mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni minnufiħ jew fi żmien perentorju iffissat mill-Qorti. Illi dan huwa il- mertu tar-rikors ġuramentat numru 1222/2019MC fl-ismijiet "Emvin Cassar et vs. Grazio Debono et";
6. Illi kwalunkwe ftehim illi għandu Grazio Debono mad-Dipartiment tat-Taxxi ma jagħmilx stat fil-konfront ta' l-esponenti, u r-relazzjoni bejn il-kontendenti hija regolata mill-ftehim datat 14 ta' Settembru 2012, liema ftehim Grazio Debono kien u għadu inadempjenti fuqu.
7. Illi dwar in-nota ta' iskrizzjoni fil-konfront ta' Kyle Debono, l-esponenti mhumiex il-leġittimi kontradditturi f'din il-proċedura;
8. Illi in ogni caso ma jeżistux l-elementi rikjesti mill-liġi għat-tħassir tad-digriet ta' l-4 ta' Diċembru 2019 u 8 ta' Novembru 2019;
9. Illi t-talba biex jintlaqgħu eċċezzjonijiet mressqa fi proċedura separata mhux biss hija biżżarra iżda hija wkoll għal kollox improponibbli;

10. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;
11. Salv eċċezzjonijiet oħra".

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża.

Rat ukoll l-atti u dokumenti tar-rikors numru 1533/2019 AF fl-ismijiet inversi.

Semgħet ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat in-noti rispettivi ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għall-lum għas-Sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

Fil-qosor, il-konvenuti ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1533/2019AF biex iżommu lill-Atturi milli b'xi mod jiddisponi mill-fond fuq imsemmi. Dan il-mandat ġie milqugħ l-ewwel provviżorjament u mbagħad definittivament permezz ta' digriet tal-4 ta' Diċembru 2019 (a' fol 7).

Permezz ta' dawn il-proċeduri, l-Atturi jridu jottjenu dikjarazzjoni ta' revoka tad-digriet billi tannullaħ għal numru ta' raġunijiet li ssemmew fir-rikors promotur.

**<u>Punti ta' liġi</u>**

Jibda biex jiġi rilevat li dak li qegħdin jitolbu l-Atturi f'din il-Kawża ma hiex ir-revoka taħt xi waħda mir-raġunijiet indikati fl-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, iżda azzjoni diretta ta' nullita' tad-digriet tal-Qorti li laqgħet it-talba li toħroġ il-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri.

L-azzjoni li tagħti l-liġi taħt artikolu 836 hija għal kollox differenti. Taħt dak l-artikolu l-mandat huwa dejjem presunt li ħareġ b'mod validu pero' jintalab li jkun

revoka ai termini tal-istanzi imsemmija f'dak l-artikolu. B'dan il-mod anke qed tkun indirizzata l-ewwel risposta tal-konvenuti.

**Konsiderazzjonijiet**

Artikoli 830 u 832 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Dan l-ilment kien ukoll imqanqal mill-Atturi qua intimati fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi fl-ewwel risposta tagħhom. B'dana kollu ma hemm xejn fid-digriet tal-4 ta' Diċembru li jindirizza dan l-ilment. L-anqas ma din il-Qorti ma tista' tgħid x'kienu s-sottomissjonijiet fuq dan il-punt mill-partijiet għalkemm fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2019 jidher li d-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors (a' fol 135 tal-mandat).

Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha.

L-artikolu 832 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi kif ġej:

*"**Meta** l-jedd li wieħed irid iqiegħed fiż-żgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta' somma ta' flus, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-ġurament imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jgħid kemm hija bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu, u jekk tkun ġiet preżentata kawża fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji, taħt piena tan-nullità tal-mandat."* (Emfażi ta' din il-Qorti).

Il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għad-digrieti dwar dan il-punt proċedurali, fost oħrajn id-**Digriet tat-2 ta' Frar, 2018 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni**

**Numru 42/18 fl-ismijiet Kevin Attard (K.I. 0310676M) għan-nom tas-soċjeta` KPM Marine Services Limited (C-67876) -vs- Philip Cardona (Passaport Malti 1104928) u Mario Cardona (Passaport Malti 1105513) f'isimhom propju u għan-nom tas-soċjeta` KPM Marine Services Limited (C 67876).** Dan id-digriet ingħata mill-Prim'Awla mill-istess Imħallef li qed jippresjedi f'dawn il-proċeduri.

Għalhekk ikun utili naraw x'jgħid esatt dan l-artikolu u li jekk huwiex minnu, li dak li jiddisponi l-artikolu msemmi dwar dak li qed jinsistu dwaru l-Atturi u ċioe' jekk il-prinċipju legali nvokat minnhom għandux ikun applikat b'mod indiskriminat kull darba li jintalab il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, fosthom il-mandat ta' inibizzjoni.

Huwa għalhekk, li din il-Qorti għamlet l-emfażi fuq imsemmija, meta ċċitat testwalment l-artikolu in kwistjoni. Il-Kelma "Meta" hija kjarament indikattiva li l-element in dibbattitu jkun meħtieġ taħt piena ta' nullita' mhux f'kull sitwazzjoni. Li ma kienx hekk, dan l-artikolu ma kienx jiddisponi billi jibda propju b'din il-kelma ipotetika.

Isegwi, li dan ifisser li jista' jkun hemm, sitwazzjonijiet, partikularment fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni, fejn dan l-element ma jkunx meħtieġ għax ma jkunx possibbli li jsir. Il-Qorti di fatti tagħmel referenza għal dak li qalu l-Qrati f'dan ir-rigward fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni:

"*Tqis li, dwar il-preġudizzjali tas-siwi tar-rikors imressqa mill-intimati, din il-Qorti ma tarax li hija mistħoqqa. Ir-rikors tal-lum tressaq bħala talba għall-ħruġ ta'*

*Mandat ta' Inibizzjoni 'normali' (Formola 21) u mhux dik l-għamla ta' Mandat ta' Inibizzjoni li jissemma fil-Formola 2, liema Mandat jitlob li jitħarsu ċerti kondizzjonijiet u l-għoti ta' ċertu tagħrif speċifikat. Ta' min jgħid li mhux kull talba li ssir għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni li żżomm lill-persuna intimata milli tittrasferixxi, tgħabbi jew tbigħ jew teħles minn xi ġid immobbli għandha tabilfors titressaq taħt l-artikolu 874 tal-Kodiċi.*

*Tqis li, għal dak li jirrigwarda t-talba li għandha quddiemha l-Qorti llum, ma jidhirx li hemm dak in-nuqqas ta' siwi li jallegaw l-intimati. Dan jingħad għaliex, għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 831(1) u 832 tal-Kodiċi jirrigwardaw il-Mandati kawtelatorji in ġenerali, ir-rikors tal-lum jirrigwarda wieħed mis-suriet tal-Mandat ta' Inibizzjoni, li l-liġi ma titlobx dwaru li r-rikorrent isemmi l-ammont tal-kreditu dovut, imma biss il-jedd li bis-saħħa tiegħu jitlob il-ħruġ tal-istess Mandat;"* (Ara **digriet ta' l-10 ta' Marzu, 2010 Mandat Numru. 296/2010/1 fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 296/10 fl-ismijiet: Raymond Gauci u Josephine Gauci -vs- George Briffa u Rita Briffa**.)

Din il-Qorti tirrikonoxxi li jista' għalhekk ikun hemm sitwazzjonijiet, fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni, li t-tismija tal-pretensjoni tkun biżżejjed u cioe' dak li jiddisponi l-artikolu 831(1)(a) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u cioe' "*l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur.*".

Pero' meta l-mandat ta' inibizzjoni ma jkunux jirrigwardaw ż-żamma ta' fatt jew għemil biss, iżda jkun intiż biex tkun imħarsa pretensjoni li tissarraf f'somma flus, in-nuqqas ta' tismija, imqar approssimittiva, tal-valur tal-pretensjoni,

takkwista importanza. Fid-digriet fl-**ismijiet Kevin Attard (K.I. 0310676M) għan-nom tas-soċjeta` KPM Marine Services Limited (C-67876) -vs- Philip Cardona**, il-Qorti kellha quddiemha kwistjoni ta' danni tant li osservat li "*Kemm mill-Mandat odjern u kif ukoll mill-Kawza li permezz taghha giet dedotta l-pretensjoni mertu ta' dan ir-rikors (ara dokument a` fol 50), jirrizulta li qed jintalab fost ohrajn, hlas ghad-danni sofferti. Dan ifisser, li l-pretensjoni f'dawn l-atti, tista' tkun sodisfatta bi hlas ta' somma flus"*.

Din il-Qorti eżaminat l-atti u jirriżultalha bl-aktar mod ċar, li dak li qed jipprovaw jikkawtelaw l-konvenuti bil-mandat ta' inibizzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri għalkemm veru jridu li jżommu lill-Atturi milli jiddisponu minn immobbli jgħidu pero' ukoll li din qed jitolbuħ għaliex l-altrimenti "*ma jkollohom ebda opportunita' jirrikavaw l-ammonti minghand l-intimati peress li minkejja li jkollhom dritt, dan id-dritt ma jkunux elegibbli minhabba l-fatt li ma jkun hemmx assi fuq liema issir ezekuzzjoni*" (ara a' fol 2 atti tal-mandat).

Ma hemm ebda dubbju li d-dritt li jridu jipproteġu l-konvenuti jikkonsisti f'somma flus. Dan huwa ukoll manifestament ċar mit-talbiet tar-rikors ġuramentat numru 1222/19, li permezz tiegħu ddeduċew l-pretensjoni tagħhom wara l-ħruġ tal-mandat in kwistjoni. B'dawn il-proċeduri l-konvenuti qiegħdin jittentaw li jirkupraw is-somma ta' €582,227 li talvolta jistgħu jkunu imġiegħla jħallsu lill-Kummissarju tal-Vat. Indikazzjoni ċara aktar minn hekk tax-xorta ta' pretenzjoni li għandhom ma jistax ikun hemm.

Il-ħsieb wara l-artikolu 831(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta hu, li tqiegħed lill-intimat fil-posizzjoni li jeħles lilu nnifsu, mill-effetti tal-mandat, billi jġib garanzija

fl-ammonti pretiżi mir-Rikorrent, u dan kif jippermetti l-artikolu 830(2)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew anke taħt artikolu 836(e) tal-istess Kap. ( Ara **Sentenza fl-ismijiet Dr. Anthony Galea noe -vs-Adrian Aguis tal-31 ta’ Lulju 2014**).

Għalhekk it-tismija ta’ somma li tista’ tissodisfa l-pretensjoni bi ħlas, hija rikjesta mil-liġi taħt piena ta’ nullita’. Jiġifieri, il-Qorti hija b’idejha marbutin b’din il-komminazzjoni. Dan qiegħed jingħad, anke fid-dawl ta’ dak li jiddisponi artikolu 789(1)(a)tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, peress li n-nullita’ tal-att hija ddikjarata espressament mil-liġi stess. Nullita`, li l-anqas tista’ tissewwa taħt xi disposizzjoni oħra tal-liġi. (ara provvediment tal-**Prim’Awla Qorti Civili per Imħallef Joseph R. Micallef fl-Atti tal-Mandat 1052/2014/1 mogħti fil-31 tal-Lulju 2013 fl-ismijiet Avukat Anthony Galea nomine - vs- Adrian Aguis**). Dan ifisser li għalhekk biss il-mandat ukoll kellu jkun miċħud.

B’dan kollu din il-Qorti tħoss li għandha wkoll tosserva dwar il-fatt li l-fond mertu ta’ dawn il-proċeduri ġie trasferit jum wara li ġie milqugħ il-mandat definittivament.

F’dan ir-rigward il-Qorti tosserva s-segwenti fatti:

1. Digriet tal-Qorti fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni ngħata fit-8 ta’ Novembru 2019 (a’ fol 88 mandat).
2. Dan ġie notifikat lid-Direttur tar-Reġistru pubbliku fil-11 ta’ Novembru 2019 (a’ fol 82 tergo) ma jidhirx li r-rikorrenti qatt ġew notifikati biħ. In-nutar Katrina Bartolo tixhed, li dak in-nhar li għamlet il-kuntratt mir-riċerki

ma ħareġ xejn (a' fol 116 tergo u 117 tergo). Bis-saħħa ta' dan il-kuntratt ġew kanċellati wkoll numru ta' ipoteki (a' fol 117 tergo).

3. Il-fond mertu tal-proċeduri ġie trasferit lil terzi fit-12 ta' Novembru 2019, atti nutar Katrina Bartolo (a' fol 91 tal-mandat). Dr. Elizabeth Said għal Identity Malta tgħid hekk "*Jigifieri biex jekk mandat dahal llum biex jidher fir-ricerka ufficjali jrid jghaddu jumejn tax-xoghol qabel ma johrog fir-ricerka li tkun ufficjali*". Issa d-digriet provvisorju ġie notifikat fil-11 ta' Novembru 2019. Jekk kif tgħid ix-xhud, iridu jgħaddu jumejn tax-xogħol iġifieri utli, ifisser li d-digriet inkwistjoni kien ser ikun diponibbli uffiċjalment fit-13 ta' Novembru 2019 meta l-kuntratt ġie ppublikat il-ġurnata ta' qabel.

Din il-Qorti ma tara ebda loġika, li persuna għandha tbati l-konsegwenzi ta' ksur ta' ordni tal-Qorti, meta dik il-persuna ma tkunx taf b'tali ordni. Skont din il-Qorti, li żżomm lil xi ħadd milli jagħmel xi ħaġa u li ma jafx li dik il-ħaġa ma għandux jagħmilha, ma għandhiex mid-dettami tal-ġustizzja aktar u aktar meta f'din il-Kawża ma kienx uffiċjalment disponibbli kemm għan-nutar, għal parti u terzi bħal anke Banek biex setgħu jiskopru tali ordni mir-riċerki uffiċjali. L-individwu ma għandu jbati minħabba l-organiżżazzjoni interna ta' xi dipartiment. L-anqas ma inġabet xi prova li l-Atturi kienu jafu li nħarġet dik l-ordni għaliex l-anqas b'dik provvisorja ma kienu notifikati.

Dan ifisser li ġaladarba fil-mument tat-trasferiment tal-immobbli mertu ta' dawn il-proċeduri dik l-ordni ma nġabitx validalment a' konjizzjoni ta' kull minn huwa interessat skont il-liġi, dak il-bejgħ jibqa' validu. Kif inhu ormai mgħallem li l-mandat ta' inibizzjoni ma hux maħsub li jħoll obbligazzjonijiet

iżda biex twaqqaf lil dak li jkun jidħol għalihom. La darba jkunu saru ma hemm xejn x'jitwaqqaf.

Kwantu jirrigwarda Kyle Debono, din il-Qorti tħoss li t-talba għall-ħruġ ta' inibizzjoni kontra tiegħu, peress sa mill-bidu nett ma kellux ikun parti għaliha. Il-mandat huwa maħsub biss biex iżomm lit-titolari tal-fond mertu ta' dawk il-proċeduri milli jiddisponi minnu. Jirrisulta mill-aktar mod ċar, li dan il-konvenut qatt ma kien propjetarju kif anke jirrisulta mill-kuntratt ta' akkwist tal-fond inkwistjoni.

Jekk dan l-Attur għandux ikun parti fl-azzjoni li eventwalment ġiet dedotta l-prestensjoni tal-konvenuti, dik hija kwistjoni oħra, kwistjoni li għad trid taraha dik il-Qorti kompetenti li ġiet adita biex tiddeċiediha. Pero' żgur, li ai fini ta' mandat ta' inibizzjoni, dan l-Attur ma kellux ikun milqut, għaliex hu ma jistax jiġi miżmum milli jiddisponi minn ħaġa li ma hiex tiegħu jew li ma għandux interessi patrimonjali fiha.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ma hemmx għalfejn din il-Qorti tgħaddi biex tinvesti l-ilmenti l-oħra tal-Atturi.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti.

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi u konsegwentement tħassar tirrevoka u tannulla d-digriet tagħha tal-4 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu nħareġ l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni, inkluż id-digriet provviżorju preċedenti tat-8 ta' Novembru 2019 u n-nota ta' iskrizzjoni imsemmija relattiva;

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet kontenuti fir-risposta tal-esponenti tat-22 ta' Novembru 2019 imressqa minnhom fil-kuntest tal-imsemmi mandat 1533/2019 AF u tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni li kienu ressqu l-konvenuti fit-8 ta' Novembru 2019 u tordna wkoll li kopja tas-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex tiġi debitament insinwata.

**Tilqa' it-tieni** talba Attriċi billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kontenuti fir-risposta tagħhom tat-22 ta' Novembru 2019 sa fejn kompatibbli mal-motivazzjonijiet ta' din is-Sentenza u għalhekk tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni li tressaq mill-konvenuti fit-8 ta' Novembru 2019 numru 1533/2019 Af.

Tordna li kopja ta' din is-Sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru pubbliku u jinħareġ il-kontromandat opportun.

Spejjeż kollha jiġu sopportati mill-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**